# Stqarrija Għall-Media

492 flat3, St. Joseph High Rd., St. Venera, HMR 18, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 17/01/07 |
| **Ref:** | KDŻ 01/07 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

**L-ARĊISQOF IL-ĠDID MONS. PAWLU CREMONA OP F'LAQGĦA MAL-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ ĠEWWA PACEVILLE**

Nhar is-Sibt li ġej, permezz ta' mixja fit-toroq ta' Paceville...fuq l-art 'sagra' tad-divertiment f'pajjiżna – l-arċisqof il-ġdid Mons. Pawlu Cremona – għażel li jmur fil-mekka ta' fejn jiltaqgħu l-adolexxenti u ż-żgħażagħ biex ikun jista' jiltaqa` magħhom, jisma' dak li jixtiequ jgħidulu u jibda djalogu magħhom fil-bidu tal-espiskopat tiegħu. Għal din ir-raġuni, qiegħdin isiru ħafna arranġamenti u preparament biex jiffaċilitaw din l-attivita` u biex l-Arċisqof il-ġdid ikollu merħba tajba mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

Mons. Cremona ser jibda billi fit-8pm jiltaqa' mal-adolexxenti ġewwa *Baystreet* fejn dawn tal-aħħar ser jakkumpanjawh f'mixja madwar il-kumpless u wkoll jidħlu go *restaurant* jieklu xi ħaġa miegħu. *F'Baystreet* ser ikun hemm ukoll il-band *Footprints* biex tkompli tagħmel l-atmosfera waħda ħajja u żagħżgħa.. Fl-istess waqt, żgħażagħ mill-Mixja-Neokatekumenali sejrin ikunu qiegħdin fit-toroq ta' San Ġiljan biex permezz tal-kant u d-daqq tagħhom joħolqu wkoll atmosfera ta' festa u jentużjażmaw lill-adolexxenti u ż-żgħażagħ preżenti.

Fid-9pm l-Arċisqof sejjer imur fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan fejn hemm ser isib jilqgħuh numru kbir ta' adolexxenti u żgħażagħ għal ċelebrazzjoni kbira miegħu. Huwa ser ikun eskortat ġewwa l-Knisja minn grupp ta' *Scouts* u *Girl Guides.* F'din iċ-ċelebrazzjoni ta' ġewwa l-Knisja, ser ikun hemm ismijiet magħrufa bħalma huma *Voices,* SALT, Chris D'Alfonso, Fr. Karm Debattista mssp u żfin mill-Y4J fost oħrajn. F'dan il-mument, iż-żgħażagħ ser ikollhom opportunita` li jagħmlu diversi mistoqsijiet lill-Arċisqof u huwa ser ikollu ħin biex jirrispondi dawn id-domandi u jiddjaloga magħhom. Fl-aħħar taċ-ċelebrazzjoni, Mons. Cremona sejjer mill-ġdid jiġi akkumpanjat ġewwa Paceville miż-żgħażagħ infushom u hemmhekk ser idur diversi postijiet li fihom normalment jinġabru ż-żgħażagħ. L-attivita` ser tispiċċa permezz ta'

mument ta' talb li l-Arcisqof ser jagħmel maż-żgħażagħ fill-*Millennium Chapel.* F'dan il-mument ser ukoll ikun hemm il-band *RiSe* li ser takkumpanja dan il-mument ta' talb bil-mużika tagħha.

Dan kollu jservi ta' stedina għal dawk l-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jixtiequ jiltaqgħu mal-Arċisqof il-ġdid tagħhom u anke għal dawk li b'xi mod jaħdmu magħhom biex jiffaċilitaw il-preżenza ta' ħafna adolexxenti u żgħażagħ għal din iċ-ċelebrazzjoni.

Huwa mportanti ħafna li dawk il-gruppi li beħsiebhom jattendu, javżaw lill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ fid-dettalji t'hawn fuq. Wieħed jista' wkoll jara l-programm dettaljat fil-websajt tal-KDZ www.kdz.org.mt.

Għal aktar tagħrif ikkuntattjaw lil:

Mr. Albert Debono
79822886

TMIEM■■■■